



Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2023/2152(DEC)

25.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza 2022: L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
(2023/2152(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Robert Biedroń

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Artikolu 8 tat-TFUE jiddikjara li fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, tistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bejn l-irġiel u n-nisa; billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri trid tiġi inkorporata fil-politiki kollha tal-UE, inkluż permezz tal-ibbaġitar skont il-ġeneru fil-livelli kollha tal-proċess baġitarju;
- B. billi l-persunal tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) qed jinvolvi ruħu b'mod attiv fl-iskambju tal-aħjar prattiki u fl-attivitajiet tan-Network tal-Aġenziji tal-UE (EUAN) u tas-subnetworks tiegħu, sabiex jiżviluppa s-sinerġiji tiegħu bħar-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-bini, is-servizzi tal-IT u s-sigurtà, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajba ma' aġenziji oħra tal-Unjoni bl-għan li tittejjeb l-effiċjenza; billi l-EIGE ħa passi proattivi biex japplika miżuri kontinwi għat-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost il-persunal tiegħu;
- C. billi l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2023 juri li l-Istati Membri għamlu żieda modesta ta' 1,6 punt biss biex jilhqg s-70,2, u b'xi oqsma juru sinjali ta' rigressjoni, b'mod partikolari fil-metriċi ekonomiċi u tal-introjt¹; billi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) twaqqaf biex jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni u jsaħħaha, u billi dan jinkludi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki kollha tal-Unjoni u l-politiki nazzjonali li jirriżultaw, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- D. billi hemm urġenza dejjem akbar biex l-Unjoni tavvanza fl-Istrateġija tagħha dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, fid-dawl tal-kriżijiet li għaddejjin bħalissa bħall-gwerer, il-kriżi klimatika, l-inflazzjoni, u r-rigressjoni kontra d-drittijiet tan-nisa, speċjalment is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) fl-Unjoni u mad-dinja kollha; billi l-kriżijiet sussegwenti attwali għandhom ir-riskju li jnaqqsu r-ritmu tal-isforzi biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-riskju li jfixklu t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa; billi n-nisa fl-UE jintlaqtu b'mod aktar sever mill-faqar jew l-esklużjoni soċjali mill-irġiel; billi r-rwol tagħhom bħala indoktraturi primarji fi ħdan il-familja jpoġġi ammont sproporzjonat ta' kura u xogħol domestiku bla ħlas fuq in-nisa, li jaqdu rwol essenzjali f'dan ir-rigward; billi d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE hija ta' 13 %, differenza li tvarja fost l-Istati Membri; billi d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri għandha għadd ta' implikazzjonijiet, inkluża differenza ta' 29 % fl-intitolamenti tal-pensjoni, li tpoġġi lin-nisa anzjani f'riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali; billi d-dritt għal paga ugwali għal xogħol ugwali mhuwiex dejjem rispettat u għadu waħda mill-akbar sfidi fl-isforzi biex tingħeleb id-diskriminazzjoni fil-pagi; billi l-importanza tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għall-impjieg u x-xogħol, u l-promozzjoni tal-ugwaljanza fil-karrieri u fil-kategoriji professjonali fit-taħriġ vokazzjonali hija essenzjali; billi l-Istati Membri għandhom iżidu l-investment

¹ <https://eige.europa.eu/gender-equality-index/2023>

pubbliku f'politiki li, direttament jew indirettament, għandhom l-għan li jiġġieldu l-effetti negattivi tal-kriżi tal-għoli tal-ħajja fuq in-nisa fid-diversità kollha tagħhom, jiggarrantixxu aċċess għal servizzi pubbliċi affordabbli u ta' kwalità għolja għall-kura, l-edukazzjoni, is-saħħa, inklużi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u l-akkomodazzjoni, u jipproteġu lill-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

- E. billi l-baġit finali tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ("EIGE") għas-sena finanzjarja 2022 kien ta' EUR 8,432,920, li jirrappreżenta żieda ta' 3 % meta mqabbel mal-2021 (EUR 8,693,358); billi l-baġit kollu tal-Istitut ġej mill-baġit tal-Unjoni;
1. Ifakkar li l-EIGE ġie stabbilit sabiex jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni u jsaħħaha billi jipprovdi riċerka ta' kwalità u data komparabbli, biex jgħin lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha tagħhom u jiġġieldu d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru; jenfasizza għalhekk ir-rwol kruċjali tal-EIGE fil-ġbir, l-analiżi, l-ipproċessar u t-tixrid tad-data u l-informazzjoni meħtieġa għal dawk li jfasslu l-politika, il-politiki tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri rispettivi tagħha; jilqa' b'mod partikolari l-ħidma kontinwa tal-Istitut dwar l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-aċċess tiegħu b'limitu baxx għall-informazzjoni għaċ-ċittadini; jenfasizza l-ħtieġa ta' integrazzjoni aktar b'saħħitha u aktar effiċjenti tal-politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-għodod għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri; itenni t-talbiet ripetuti tiegħu għal aktar riżorsi ta' persunal, inkluż persunal statutorju li għandu jiġi allokati lill-EIGE fid-dawl ta' talbiet urġenti, assistenza teknika u talbiet għas-servizzi tiegħu dejjem jiżdiedu; jitlob, għalhekk, li jiġu allokati ammonti akbar fil-baġit tal-Istituzzjoni sabiex ikunu jistgħu jissaħħu l-kapaċitajiet ta' reklutaġġ u riċerka tagħha, sabiex ikomplu jsaħħu l-ħidma u l-output tagħhom fid-dawl ta' kriżijiet u rigressjonijiet sussegwenti kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-persuni LGBTIQ+ li jolqtu lin-nisa b'mod sproprjonat;
 2. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u l-inġustizzji kontra n-nisa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni urġenti biex jindirizzaw il-faqar u l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu fost in-nisa, speċjalment fost il-gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi l-ommijiet waħedhom, in-nisa b'diżabbiltà, in-nisa diskriminati minħabba r-razza, in-nisa LGBTIQ+, in-nisa migranti u rifuġjati, in-nisa anzjani u n-nisa f'żoni rurali jew b'popolazzjonijiet baxxi; jinnota li dan jista' jinkiseb billi tiġi ssodisfata l-ħtieġa għal aktar finanzjament għal azzjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi f'termini ta' impjiegi u tkabbir, kif ukoll billi tiġi miġġielda l-vjolenza sessista u d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa, id-differenza fil-pagi tal-pensjonijiet bejn l-irġiel u n-nisa, l-impatt tal-kriżijiet fuq in-nisa, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar tar-rata dejjem tiżdied tal-faqar fost in-nisa, kif ukoll f'termini ta' drittijiet u demokrazija u l-istat tad-dritt; jilqa' l-kooperazzjoni li għaddejja bejn l-EIGE u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM); jisħaq fuq l-isforzi enormi u l-kontribut siewi li l-EIGE jagħti biex jiżgura l-oġġettivi, il-valuri u l-prijoritajiet tal-Parlament Ewropew; jappoġġja bis-siġħ il-ħidma tal-Istitut, li, permezz ta' studji, riċerka u data ta' kwalità għolja, jippermetti lill-Kumitat iwettaq il-ħidma tiegħu kif xieraq; jinnota l-importanza tad-disponibbiltà ta' data affidabbli diżaggregata skont il-ġeneru sabiex ikun jista' jsir tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza; jinnota l-kontribut siewi li l-EIGE jista' jagħti lill-Kumitati kollha tal-Parlament Ewropew u

aġenziji oħra tal-UE sabiex l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tiġi integrata aħjar fil-politiki kollha tal-UE;

3. Jinnota l-livell għoli kontinwu ta' eżekuzzjoni tal-baġit tal-EIGE, minkejja n-nuqqas persistenti ta' persunal tal-aġenzija, b'approprjazzjonijiet ta' impenn sa 97,91 % fl-2022 (meta mqabbla ma' 98,92 % fl-2021), u rata ta' approprjazzjonijiet ta' pagament ta' 81,10 % (72,16 % fl-2021);
4. Jirrikonoxxi tnaqqis fin-nefqa amministrattiva riportata tal-EIGE għal 42,28 % fl-2023 (54,79 % fl-2022);
5. Jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkonfermat il-kontijiet annwali tal-EIGE jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2022 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li sussegwentement ingħalqet;
6. Huwa tal-fehma li, fuq il-bażi tad-data attwalment disponibbli, għandha tingħata kwittanza lid-Direttur tal-EIGE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2022.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	24.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 4 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Christine Anderson, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Annika Bruna, Maria da Graça Carvalho, Margarita de la Pisa Carrión, Gwendoline Delbos-Corfield, Frances Fitzgerald, Livia Járóka, Arba Kokalari, Alice Kuhnke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Andżelika Anna Możdżanowska, Johan Nissinen, Carina Ohlsson, Samira Rafaela, Evelyn Regner, Diana Riba i Giner, Eugenia Rodríguez Palop, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Sylwia Spurek, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Laura Ballarín Cereza, Sylvie Brunet, Marina Kaljurand, Eleni Stavrou
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Milan Brglez, Rainer Wieland

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

23	+
PPE	Maria da Graça Carvalho, Frances Fitzgerald, Arba Kokalari, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Eleni Stavrou, Rainer Wieland
Renew	Sylvie Brunet, Samira Rafaela, María Soraya Rodríguez Ramos, Marco Zullo
S&D	Laura Ballarín Cereza, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Marina Kaljurand, Carina Ohlsson, Evelyn Regner
The Left	Sandra Pereira, Eugenia Rodríguez Palop
Verts/ALE	Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Diana Riba i Giner, Sylwia Spurek

4	-
ECR	Johan Nissinen, Margarita de la Pisa Carrión
ID	Christine Anderson, Maria Veronica Rossi

2	0
ECR	Andżelika Anna Możdżanowska
NI	Livia Járóka

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni